MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2328/2003

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Doreen Spagnol**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ Lm135.00c (mija u hamsa u tletin lira Maltin) dovuta in kwantu ghas-somma ta’ Lm125.00c (mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) rappresentanti import ta’ hames (5) kambjali, annessi ma’ l-Avviz u mmarkati Dok. 1, 2, 3, 4, u 5 li d-data ta’ maturita’ taghhom skadiet u in kwantu ghas-somma ta’ Lm10.00c (ghaxar liri Maltin) bhala imghaxijiet legali dovuti mill-konvenuta fuq l-istess sad-data tal-presentanta ta’ l-Avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-presentata ta’ l-Avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------